**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2017**

**Talba numru 187/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 41**

**GO plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu,**

**Marsa**

**MRS 1501**

**vs**

**BGP Limited (C61661)**

**36, Triq l-Arcisqof,**

**Il-Belt Valletta**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-07 ta' April, 2017 illi permezz tiegħu is-soċjeta' attriċi talbet mingħand is-socjeta' konvenuta s-somma ta' disa' mija u hamsa u erbghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€945.43c) in konnessjoni ma'

diversi servizzi moghtija lis-socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ attrici u migbura fil-kont numru 403673496.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher hadd għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li s-socjeta konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal wara li sema’ rapprezentant tas-socjeta’ attrici jikkonferma li l-ammont ghadu dovut, isib li t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta gusitifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ disa’ mija u hamsa u erbghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€945.43c) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta’ din il-kawza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-attrici ufficjali, huma a kariku tas-socjeta’ konvenuta.

**Av. Anna Mallia**

**Ġudikatur**